**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 584/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joanna Piscopo)**

**-Vs-**

**ENEDI TAFA**

**Illum, 20 ta' Dicembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **ENEDI TAFA** ta' 29 sena, bin il-mejjet Rashid u Bejaze nee' Morate u li twieled ġewwa Albania nhar 25/12/1990 residenti fil-fond Agius Court Flt 2, Triq Qasam San Gorg Rabat Għawdex u detentur tal-karta ta' l-identita **203990A Mobile Number : 77084817** akkuzat talli nhar it-2 ta' Novembru 2020 għall-ħabta ta' 00:15hrs u 00.45hrs ġewwa San Gwann u diversi partijiet tal-gżejjer Maltin:-

1. Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Evis Bardhi, u dan hekk kif iċċertifikat minn Dr Mark Borġ M.D. (Med Reg: 4378).

2. Insulenta', heddedt jew ingurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Evis Bardhi. Art.339(1)(e) Kap.9.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Enedi Tafa** a benefiċċju ta' **Evis Bardhi** u l-familjari tagħha.

Il-Qorti hija mitluba f'każ ta' ħtija, biex tipprovdi għall-persuni ta' **Evis Bardhi** u l-familjari tagħha jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, turbot lil **Enedi Tafa** b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinflinġi l-piena stabbiliti mill-liġi, tordna lill-imsemmi **Enedi Tafa** sabiex iħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur, fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2020 taqra u tikkonferma l-akkużi bil-ġurament;

Semgħet lill-imputat jiddikjara li mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-18 ta' Gunju 2021 fejn, ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom, hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe`:

- Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 214, 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 382A, 383 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha.

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza waqt l-udjenza tas-16 ta' Diċembru 2021;

Rat illi l-kawza tħalliet għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Dan il-każ jikkonċerna argoment bejn żewġt iħbieb: l-imputat u l-allegat vittma, Evis Bardhi. Dan ġara fit-2 ta' Novembru 2020 ġewwa r-residenza tagħhom fejn joqgħodu flimkien ma' diversi persuni oħrajn ilkoll ta' nazzjonalita' Albaniża.

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u l-provi tal-kawża jirriżulta illi dakinhar kien hemm ħames persuni f'din ir-residenza li lkoll kienu qegħdin jixorbu l-birra u f'daqqa u l-ħin, waqt illi dawn il-persuni kienu qegħdin jitkellmu, jiddiskutu u jiċċajtaw bejniethom, qam argoment bejn l-imputat u Evis Bardhi minħabba xi malintiż dwar xi ħaġa li kien qal il-vittma fir-rigward tal-familja tal-imputat. Il-persuni li kienu preżenti dak il-ħin inkluż il-vittma nnifsu, li lkoll huma ħbieb ta' xulxin u koabitianti fir-residenza in kwistjoni, xehdu univokament illi l-imputat qam u immedjatament ħebb għal Evis Bardhi billi tah daqqa bil-ponn f'wiċċu, speċifikatament taħt għajnu x-xellugija. Dan kollu ġara f'temp ta' ftit sekondi biss minkejja li sħabu pprovaw jispjegawlu li huwa kien fehem ħażin u pprovaw iżommuh.

Mill-provi jirriżulta wkoll illi għalkemm bid-daqqa ta' ponn li Evis Bardhi qala' f'għajnu beda ħiereġ id-demm, tant illi huwa beża' u dak il-ħin ċempel lill-Pulizija, din ma ħalliet l-ebda sinjal ħlief tbebġila żgħira. Dr. Mark Borg xehed[1] illi meta

[1] Xhieda tas-26 ta' Jannar 2021.

eżamina lil Evis Bardhi huwa rriskontra laċerazzjoni ta' żewġ ċentimetri fuq l-għajn tax-xellug (*supra orbitary region*), nefħa u ħmura fuq l-għadma tal-ħadd tal-lemin u tbenġil taħt l-għajn tal-lemin, liema feriti x-xhud ikkonferma li huma kompatibbli ma' ġlied fejn il-vittma qala' daqqiet fil-wiċċ u fir-ras.

Għall-Qorti, dan kollu magħdud jikkonvinċiha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, dwar il-ħtija tal-imputat għall-akkuża li huwa volontajament ikkaġuna offiża fuq il-persuna ta' Evis Bardhi.

Kwantu għan-natura tal-offiża effettivament ikkaġunata fuq il-persuna ta' Evis Bardhi b'riżultat tal-aggressjoni tal-imputat, l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju indika speċifikatament ir-reat taħt l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9. Dan jipprovdi illi l-offiża fuq il-persuna hija gravi jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.

Jingħad illi mankament, b'mod ġenerali, jiġi riskontrat meta jkun hemm deterjorament tal-aspett tal-wiċċ[2]. Sfreġju, a differenza ta' mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fir-regolarita' tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuħija tal-wiċċ. Skont l-insenjament paċifiku in materja, biex l-offiża titqies bħala sfreġju, din trid tkun viżibbli "*minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin*"[3] iżda mhux rikjest li din il-ħsara tibqa' hekk viżibbli għal xi żmien stabbilit. Kollox jiddependi mill-entita` tal-ħsara: mhux importanti x'tissejjaħ il-ħsara f'termini mediċi jew popolari ghaliex dak li hu importanti hu **l-entita' tal-ħsara fuq il-wiċċ**.

Ġie ritenut ukoll:-

"*Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza thalli mankament jew sfregju, f'dan il-kaz mankament, fuq l-idejn jew fuq il-*

---

[2] Ara **Il-Pulizija v. Paul Spagnol**, Appell Kriminali deċiż 12 ta' Settembru 1996.
[3] **Il-Pulizija vs Emily Zarb** Appell Kriminali, deciz 15.2.58, Kollezz. XLII.iv.1245, 1248.

*wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn in rigward. ... il-liġi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali.*"[4]

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**, deċiża fit-2 ta' Settembru 1999:-

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala* ***sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali****."* [emfasi ta' din il-Qorti]

Illi iktar minn hekk, huwa stabbilit li l-Qorti tista' tasal għal konklużjoni differenti minn dik tat-tobba. Dan il-prinċipju ġie affermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[5] fejn intqal illi:-

*"...* ***għall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant*** *... u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti.* [emfasi ta' din il-Qorti]

[4] Appell Kriminali : **Il-Pulizija v. Luke Sciberras**, deċiż 28 ta' Mejju 2018.
[5] Deċiża fit-12 ta' Settembru 1996

L-espert mediko-legali maħtur mill-Qorti ikkonkluda fir-relazzjoni tiegħu[6] illi Evis Bardhi kien iddaħħal l-isptar b'*haematoma* fuq il-ħadd tal-lemin u b'laċerazzjoni fuq is-*supraorbital ridge* tax-xellug li fuqha ġew applikati *butterfly stiches*, liema laċerazzjoni hija riżultat ta' *blunt trauma* u ħalliet ċikkatriċi li tidher "*from within talking distance*". Huwa eskluda, iżda li kien hemm fratturi tal-għadam tal-wiċċ: konklużjoni li wasal għaliha wkoll Dr. Mark Borg li xehed illi ma ġie riskontrat l-ebda ksur tal-għadam tal-kranju jew ta' mnieħru, jew xi demm jew tbenġil fil-moħħ minn ġewwa jew fil-għajn u jirriżulta li ma kienx hemm ħtieġa li l-pazzjent jiġi riferut għal eżamijiet mediċi ulterjuri.

Jingħad minnufih li ma nġiebet l-ebda prova mill-Prosekuzzjoni li l-offiża li ġarrab f'wiċċu Evis Bardhi sarrfet f'mankament fit-termini tal-insenjament fuq ċitat in materja tal-offiżi prospettati mill-Artikou 216(1)(b) tal-Kap. 9. Mill-provi ma jirriżultax illi xi waħda mill-offiżi riskontrati f'wiċċu ħallew jew huma kapaċi jħallu effett permanenti jew ta' deterjorament fil-wiċċ.

Min-naħa tiegħu, Evis Bardhi dddikjara fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti illi l-unika marka tad-daqqa ta' ponn li tah l-imputat, kienet tbenġila taħt l-għajn. Mistoqsi mill-Qorti dwar iċ-ċikkatriċi fuq għajnu x-xellugija li hija osservat waqt li x-xhud kien fuq il-pedana tax-xhieda, Evis Bardhi eskluda li din iċ-ċikkatriċi hija marka tad-daqqa ta' ponn li tah l-imputat u fisser illi din hija marka antika li kienet saret ħafna żmien qabel[7]. Madanakollu, il-Qorti, wara li semgħet lil Dr. Mark Borg jixhed li meta eżamina lil Evis Bardhi, huwa rriskontra laċerazzjoni ta' żewġ ċentimetri fuq l-għajna tax-xellug (*supra orbitary region*), fost feriti oħrajn, liema laċerazzjoni huwa kkonferma li hija kompatibbli ma' ġlieda fejn il-vittma qala' daqqiet fil-wiċċ u fir-ras, u wara li rat illi Dr. Mario Scerri afferma illi effettivament ġew applikati fuq il-pazzjent *butterfly stitches* fuq din l-istess laċerazzjoni, m'hijiex sodisfatta bil-veraċita'

[6] Xhieda tad-29 ta' Lulju 2021, Dok. MS1.

[7] Din id-dikjarazzjoni rrepetiha wkoll quddiem l-espert mediko legali.

tax-xhieda ta' Evis Bardhi. Għall-kuntrarju, hija moralment konvinta li din iċ-ċikkatriċi hija riżultat tal-laċerazzjoni riskontrata fit-2 ta' Novembru 2020.

Iżda f'kull każ, lil hinn mill-oriġini taċ-ċikkatriċi in diżamina, hija l-fehma tal-Qorti illi l-fatt illi l-vittma ġarrab laċerazzjoni ta' żewġ ċentimetri fuq is-*supraorbital region* tal-wiċċ li kienet evidenti, viżibbli u gravi biżżejjed biex tirrikjedi trattament bil-punti, huwa biżżejjed biex jissodisfa l-ħtiġiet tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 biex titqies bħala sfreġju. Kif ingħad, il-fatt illi dan l-isfreġju seta' pperdura biss għal ftit ġranet u seta' ma sarrafx effettivament fiċ-ċikkatriċi li dehret viżibbilment meta l-vittma xehed quddiem il-Qorti kif ukoll meta ġie eżaminat mill-espert mediko-legali, huwa immaterjali.

Għaldaqstant, l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat taħt l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Kwantu għat-tieni akkuża fejn l-imputat ġie addebitat ir-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9, jingħad minnufih li mix-xhieda li semgħet il-Qorti, ma jirriżultax li l-imputat, oltre li aggredixxa lill-vittma fiżikament, heddu jew insolentah b'xi mod. Għalhekk, ma jistax jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti fehmet mix-xhieda tal-persuni kollha li xehdu illi huma kienu ilhom tliet snin jgħixu flimkien fl-istess residenza bħala familja, inkluż l-imputat u Evis Bardhi. Fehmet ukoll speċifikatament illi l-imputat u Evis Bardhi ilhom ħbieb għal diversi snin u jqisu lil xulxin bħala aħwa. Ikkunsidrat illi dan l-argoment li nqala' bejn l-imputat u Evis Bardhi effettivament qam improvviżament u dan minħabba malintiż b'effett x'aktarx tax-xorb li t-tnejn li huma jirriżulta li kienu qegħdin jikkonsmaw, fejn l-imputat waqt diskussjoni li kienet għaddejja dak il-ħin, fehem ħażin lil sieħbu u aggredih inaspettatament billi minnufih tah daqqa ta' ponn waħda f'wiċċu.

Evidentement, Evis Bardhi jirrikonoxxi dan kollu u mix-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur u ta' PS 7 Therese Farrugia, jirriżulta illi huwa inisista li ma jittiħdux proċeduri fil-konfront tal-imputat għaliex ma xtaqx jikkomplika l-affarijiet bejniethom peress li huma kienu u għadhom ħbieb tal-qalb. Effettivament, fix-xhieda tiegħu Evis Bardhi jikkonferma li huma kienu xurbana filwaqt li afferma mhux darba iżda darbtejn illi huwa m'għandux pretensjonijiet fil-konfront tal-imputat fir-rigward dan l-inċident u jaħfirlu mingħajr riżervi.

Il-Qorti tqis illi għalkemm, kif diġa' ġie stabbilit, il-ħtija tal-imputat tirriżulta inkonfutabbilment mill-provi, fl-isfond tal-kunsiderazzjonijiet kollha appena magħmulin u fil-qies taċ-ċirkostanzi tal-każ, senjatament ir-riluttanza evidenti tal-vittma li jixhed kontra sieħbu u x-xewqa inizzjali tiegħu li ma jittieħdux proċeduri kontrih, il-ħbiberija evidenti bejniethom li għadha attiva sal-lum, il-Qorti tqis illi ma jkunx spedjenti li twaħħal ebda piena lill-imputat. Dan ma jfissirx illi dak li għamel l-imputat m'huwiex kundannabbli: il-Qorti tikkundanna bla riżerva kull xorta ta' vjolenza inkluż ukoll dik li tinbet min-nuqqas ta' trażżin effettiv tal-emozzjonijiet li jġib miegħu l-konsum żejjed ta' xorb alkoħoliku. Iżda fiċ-ċirkostanzi hija tifhem li dan kien inċident iżolat u inaspettat bejn żewġt iħbieb li l-persuni kollha li kienu preżenti għalih, inkluż il-vittma nnifsu, jirrikonoxxu li skaturixxa unikament minn malintiż u minħabba l-effett tax-xorb alkoħoliku li kienu qegħdin jikkonsmaw. Il-fatt illi l-vittma kkonferma għal darba darbtejn illi huwa jaħfer lill-imputat u li għadu jqisu bħala ħuh ma jistax ma jkollux effett fuq il-piena li għanda tinfliġġi l-Qorti fuq sejbien ta' ħtija għall-akkuża[8]. Għaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma illi għandha tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 anke in vista tal-fatt illi ma tqisx li Ordni ta' Probation, Ordni ta' Servizz fil-Komunità jew Ordni ta' Probation u Servizz ikunu adatti fiċ-ċirkostanzi.

[8] Hawnhekk il-Qorti tosserva illi meta deher quddiemha, il-vittma baqa' ma talabx formalment jew espressament li l-proċeduri jitwaqqfu bl-applikazzjoni tal-Artikoku 543(e) tal-Kap. 9 anke jekk dan il-każ huwa meqjus bħala wieħed ta' vjolenza domestika għall-fini tal-Kap. 581. Il-fatt li huwa xehed li jaħfer lill-imputat u ma jrid xejn mingħandu huwa irrelevanti ħlief għall-fini tal-piena u ma jistax jinċidi fuq it-tkomplija o meno tal-proċeduri peress illi l-azzjoni kriminali għar-reat taħt l-Artikolu 216 tal-Kap. 9 hija prosegwibbli *ex officio* mill-Pulizija u ma tiddependix mill-kwerela tal-persuna .

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216(1)(b) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lil ENEDI TAFA ħati tal-ewwel imputazzjoni iżda bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat matul perjodu ta' sentejn.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħati jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**